# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**57.** **2 ta' OTTUBRU 1909.** **IT-TIENI SENA**

FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħalha 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel disa xhur b'xejn; min ijsiebħu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għa'd-Direzzjoni għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S, Vincenzo, għal l-Amministrazzjoni għand il Cav: G. E. INGLOTT, 24, Rue D'Argens, L-Imsida.**


# Industriji Maltin.

Jecc irridu prova oħra biex incunu nafu chemm ilhom li nibtu l-industriji f'Malta induru għal l-iscultura għaliex billi dina tħalli ħŭejjeġ ta' rħam jistgħu jdumu ħajjin ŭisk iżjed m'il qŭadri li tħallilna il pittura. L-architettura ucoll tista tgħinna ħafna f'dina il ħaġa u għalhecc dakka ta' għajn lejn il monumenti li bakgħilna tista tatina ħafna daŭl ucoll. Tant l-architettura chemm ucoll l-iscoltura juruna b'iċ-ċar li is-snajja chienu imxeŭ ġa ħafna il kuddiem u fejn jimxu is-snajja jimxu ucoll l-industriji billi daŭna bħal żeŭġ t'aħŭa jridu jmixxu lil xulxin lejn il progress.

Daŭna il monumenti juruna b'iċ-ċar li chienu ġa mxeŭ ħafna il kuddiem l-architettura u l-iscultura minn żmien ŭisk kabel ta'l miġja ta'r-Rumani f'Malta igifieri minn elfejn sena l'haŭn. Il monumenti ta't-tempji li sabu f'Ħagar Kim, ta'l Imnajdra, il Ġgantija ta' Għaŭdex, daŭc ta' Fuk Cordin li gie studja Dr: Ashby, u il Catacombi ta' Ħal Salfieni li fih sab tant xkakef antichi il ħabriechi Cav: N. Tagliaferro, scond ma jiħmu l-akŭa għorrief li studjaŭ l-antichitajjiet tagħna u fosthom il Meyer huma collha ta'ċ-civiltà li chellna kabel il miġja ta'l Feniċji f'pajjisna.

Issa daŭna il monumenti juruna ċar li l-architettura u l-iscultura chienu ġa għal daŭc iż-żmienijiet imxeŭ ħafna il kuddiem. It-tempju ta' Ġunone, li Cicerun sejjaħlu « imkaddes u antic ħafna » jurina li minn żmienijiet l-actar f'il bogħod nibtu u imxeŭ il kuddiem is-snajja tostna u l-actar l-architettura. Insejt insemmi ucoll it-tempju ta'l alla-falz Ercoli, li chien mibni f'Marsaxlocc u li tiegħu għadhom jidhru xi fdal u għad għandna il fdal ta' Teatru antic krib Ħa'ż-Żabbar magħmul tond bħal « Circu, » u il ħerba ta' banjijiet-pubblici. Dana collu juri li f'daŭc iż-żmienijiet li għal bosta nazzjonijiet oħra chienu żmienijiet ta' dlamm u ta' għama u li fihom chienu għadhom salvaġġi, jiġru għerieŭen, ijgħammru f'il għerien, jinżebgħu b'il *woad* u jibżgħu m'ir-ragħad aħna conna poplu civilizzat seŭŭa b'it-teatri u il banji-pubblici, b'it-tempji u l-iscultura fihom.

U dana ma aħniex nakilgħuh minn żniedna, Akraŭ l-opri ta'l għorrief Allegranza, ta'l Conti Borch, ta'n-Navarro, ta' Saint Priest, ta'l Boisgelin, ta' Crispo-Barbaro, ta' A. A. Caruana, ta' Patri Magri, ta'l Meyer, u ta' oħrajn li isimhom ma giex kuddiem moħħi biex taraŭ chemm tasseŭ chienet iċ-civilizzata u immixxija il kuddiem Malta l-hemm minn elfejn sena ilu. Il Houel, f'il famusa opra tiegħu « *Voyage Pittoresque* » ijsemmi il fdal ta' Bingemma u jgħid li daŭc innies li bneŭ daŭc il monumenti ma setgħux ijcunu ħlief nies imchissrin f'cull għerf u f'cull sengħa; u m'hux f'Malta biss iżda f'Għaŭdex ucoll billi hemm ucoll insabu monumenti importanti ħafna u xi bcejjeċ ta' scultura m'il isbaħ li bħalhom ġo'l Greċja biss, pajjis Fidja u Apelle, chienu jsiru f'dac iż-żmien.

Sa haŭn mela ŭsalna biex ippruvajna b'id-daŭl ta'l Istorja u ta'l monumenti li iċ-civiltà, is-snajja u l-industriji f'Malta iffaċċaŭ cmieni ħafna, għallanqas l-hemm minn elfejn sena bogħod.

Iżda ħaġa curjusa ! jecc stajna nitħadtu f'is-sod m'is-snajja u l-industriji tagħna f'daŭc iż-żmienijiet ta'l bogħod ma nistgħux nagħmlu l-istess fuk żmienijiet oħra għad li ŭisk ekreb lejnna, igifieri minn mindu ir-Rumani ma bakgħux jaħcmu fuk il gżira tagħna sa geŭ in-Normanni taħt il Conti Ruggieru t'Altavilla fl-1090. Igifieri li għal elf sena sħaħ x'għadda minn għalina seŭŭa ma nafuhx. Ma'l ŭakgħa ta'l Imperu Ruman

ŭakgħu ucoll il Colonji tiegħu u għalhecc irridu nifhmu li f'daŭc l-elf sena m'hux biss li il għerf, is-snajja u l-industriji ma imxeŭx il kuddiem iżda li marru l-ura bħal ma mar collox l-ura f'daŭc l-elf sena ma'd-dinja cŏllha li tħażżmet b'id-dlamijiet coroħ ta'l Medio-Evo.

Nafu li xi maltin laħku cbarat f'Costantinopoli iżda dana hu ftit ŭisk għalina; u billi il Għarab scond il Korgħan tagħhom, cull fejn chienu jaħcmu huma chienu jekirdu collox biex ma jħallux jecc jista jeun jissemma iżjed l-isem ta'l insara, naħseb li chemm statŭi, qŭadri u ħŭejjeġ mictuba li sabu collha kerduhom u għalhecc l-Istorja tagħna ta' daŭc iż-żmienijiet ma hix ħlief ċappa dlamm li tista taktagħha b'is-sicchina.

Biss nafu li meta ŭara il « *Vespri Siciliani* » il Gżejjer tagħna bħal Skallija ŭakgħu taħt idejn l Araguniżi (Spanjoli) raġa beda jimxi ġo Skallija u ġo Spanja il koton u l-insiġ tagħna. Dana jurina b'iċ-ċar li dic l-industrija, ma chienetx inkerdet għal collox fi żmien id-dlamijiet u ma nafx għala il Għarab, li chienu nies għorrief u ħaŭtiela ħafna chellhom jekirdu l-industriji tagħna meta daŭna ma chellhom x'jaksmu xejn ma'r-reliġjon.

Mela ŭisk naħseb li billi il Għarab f'daŭc iż-żmienijiet chien moħħhom actar f'ir-rebħ u f'it-tħarbit ta'l għedeŭŭa m'hux kerdu iżda ftit ħadu ħsieb li jmixxu l-industriji tagħna il kuddiem; u jecc hu minnu li daŭn il Għarab ħaduha contra il Maltin imħabba f'it-tŭemmin tagħhom u li daŭna inħbeŭ imħabba f'hecc f'il catacombi (għad li ma nafuhx m'il l-Istorja) jista jcun li il Maltin tgħerrxu u għalhecc tfixclu ucoll l-industriji.

Mela f'is-seclu tlittax reġgħet iffaċċat l-industrija ta'l insiġ ŭara li chienet inħbiet taħt il ħacma bizantina u għarbija.

Dina il ħabta ucoll bdeŭ jimbneŭ il bastimenti imsejjħin BERGANTINI li chienu acbar u actar b'is-saħħa m'il FUSTI ta' kabel, u daŭna bdeu ijbaħħru bejn Malta u Barzlona. Fi Spanja il Maltin chienu jorbtu f'il portijiet il bergantin tagħhom u jibkgħu dieħlin ġo l-art sa jibdlu f'dobluni u f'ġordi ta'l colonni il ħuejjeġ li ijcunu ħadu magħhom.

Dana jurina li il cummerċ malti fil bidu tiegħu chellu x'jaksam ħafna ma' Spanja u li għalhecc ħafna minn daŭc iddraŭŭiet u m'il cliem li min ma jafx l-Istorja tagħna seŭŭa jaħsbu collu taljan jeŭ skalli ma hux ħlief spanjol; iżda billi it-taljani u l-ispanjoli huma demm ŭieħed latin u billi it-tħarriġ ma't-taljani sar ŭara għal min ma kagħadx jaħsibha b'iżżejjed deher collox taljan bħal ma kal dan l-aħħar lil Professur Boselli ta'l Università tagħna li f'il ftit xhur li ilu fostna u b'il ftit li sata jakra fuk Malta beda jittrinċja il fehmiet tiegħu biex ijgiegħel jitbissmu ħafna nies li studjaŭ l-Istorja tagħna kablu u aħjar minnu.

Minn dana il cummerċ ma' Spanja chienu jgħixu ħafna nies u għalhecc bakgħu għal ħafna żmien ŭara jissemmeŭ il *baħrin* u il *mercanti ta' Spanja.* Hemm min ijrid ijgħid, u ta' d'il fehma hu il Prof: Vassallo li Barcellonetta (Balzunetta) ta'l Furjana ħadet isimha billi fiha chienu inġabru ħafna nies li chien haŭn spanjoli minn Barcellona jeŭ li chienu jiccummerċjaŭ ma'l Barcellonisi. Iżda jiena ma nifhemx li sata katt ijcun hecc billi dana il cummerċ li kiegħdin insemmu far fi żmien ŭisk kabel ma bdiet timbena il Furjana.

Dana il cummerċ ta'l koton u ta'l insiġ dam ħaj seŭŭa għal tliet mitt sena sħaħ u f'dic il ħabta l-egħlieki ma chienux ħlief jinżergħu koton u f'cull dar ma contx tisma ħlief it-taħbit ta'n-neŭl u il għana ħlejju ta'n-nissieġa żgħażaħ tagħna.

Meta imbagħad geŭ il Cavalieri l-industrija ta'l insiġ kalgħet dakka ta' ħarta seŭŭa billi sjed il bergantini għoġobhom actar li jmorru jiġġerreŭ ŭara ix-xŭieni toroc u jakbdu il prejjes milli jokogħdu jġorru ix-xakak fi Spanja; u ħafna baħrin għoġobhom actar ijmorru fuk ix-xŭieni ta'l Ordni milli fuk il bergantini billi chienu actar f'is-sgur li ma tantx jakgħu irsiera ta'l cursari toroc.

Iżda l-insiġ u il ħidma ta'l koton ma mietux għal collox għad li ħadu għadsa cbira u f'articolu ieħor naraŭ għala dina l-industrija reġgħet ħadet ir-ruħ.

# IL CANDIDATI.

Il Cummissjunarji maħtura m'il Gvern biex ijmixxu il għażla ta'l Cunsiljieri ħargu l-ismijiet ta' daŭc li resku u li huma daŭn :—

GĦAL L-EUUEL DISTRETT.

In-Negozjant Ġużè Bencini u
It-Tabib Andrè Pullicino.

GĦA'T-TIENI DISTRETT.

It-Tabib P. P. Agius B.A; C.F. Direttur ta'r-*Risorgimento*.
L-Avucat Costantin Roncali P.L. u
It-Tabib Manŭel Said.

GĦA'T-TIELET DISTRETT.

Il Procuratur Legali Franc: Azzoppardi u
Ninu Dalli, Direttur ta'l *Patriota*.

GĦA'R-RABA DISTRETT.

It-Tabib Neric Cauchi C.F: u
l-Avucat Benjamin Bonnici.

GĦAL ĦAMES DISTRETT.

Salv: Cachia Żammit.
In-Nutar Salv : Cauchi u
In-Negozjant Carmelo Lanzon.

GĦA'S-SITT DISTRETT.

L-Avucat Franc: Buhagiar u
Il Marchis u Avucat Alfredu Mattei.

GĦA'S-SEBA DISTRETT.

Il Contin u Avucat Alfredu Caruana-Gatto B.A.
Il Curunell u Marchis G. L. De Piro C.M.G. u
Il Proc: Legali Ġużè Zammit.

GĦA'T-TMIEN DISTRETT.

L-Avucat Turu Mercieca M.A. u
Il Perit Bascal Calleja.

Daŭna il Candidati huma imkassmin fi tliet partiti. Il PARTIT NAZZJONALISTA li jrid li il Candidati tiegħu jitilgħu u jibkgħu f'il Cunsill jiccumbattu ll Gvern m'il aħjar li jistgħu; li tnejn minnhom jidħlu fl-Esecuttiv u jieħdu it-tliet mitt lira ta' xogħolhom, u li jibkgħu jaħdmu u jipprotestaŭ irŭieħhom f'il Cunsill biex jakilgħu Costituzzjoni aħjar minn dic li għandna, ressak l'it-Tabib Pullicino, l'it-Tabib Said, lil Proc: Legali Fco: Azzoppardi, lil Avucat Benjamin Bonnici, lil Salv: Cachia Zammit, lil Marchis u Avucat Alf: Mattei, lil Contin u Avucat Alfredu Caruana-Gatto, u lil Avucat Turu Mercieca.

Il PARTIT ASTENSJONISTA ijrid li il Candidati tiegħu, jecc jiġu maħtura, malli jitilgħu f'il Cunsill jitilku minnufiħ bħalha protesta talli il Ministru ma seŭŭiex il Costituzzjoni chif xtak u għandu dritt il Poplu Malti; u li jħallu il Cunsill bla Cunsiljieri ta'l Poplu biex il Gvern ijgħassed ŭaħdu u minn

jeddu bla ma jokgħod jidħak f 'ùiċċ il minuranza li chif inhì contra il Gvern ma tista tagħmel xejn. Dana il Partit ġdid ħareġ bħalha Candidati tiegħu l'in-Neguzjant Ġużè Bencini, lil Avucat Costantin Roncali, lil Ninu Dalli, l'it-Tabib Cauchi, l'in-Nutar Cauchi, lil Avucat Buhagiar, lil Marchis De Piro u lil Perit Calleja.

It-tielet Partit Indipendenti ħareġ, jeù ħargu minn jeddhom, l'it-Tabib Agius, l'in-Neguzjant Lanzon u lil Proc: Legali Zammit. X'inhi il fehma ta' daùn ta'l aħħar kaluh jeù ijgħiduh f'il programmi tagħhom.

Il Proc. Legali Zammit krajt li irtira u naħseb li għamel seùùa biex ma jixxerdux ħafna voti u il poplu ma jitfixchilx chif għandu jivvota; u nixtiek li it-Tabib Agius u in-Negozjant Lanzon jagħmlu bħalu billi ma jirrappresentaùx ħlief il fehma tagħhom jeù ta'ftit ħbieb tagħhom, biex ma jfixclux il voti ta'l oħrajn li jirrappresentaù iż-żeùġ partiti li fihom, b'għajb u ħsara cbira, inkasam il poplu.

Ħafna m'il imsieħbin ta'n-"Naħla" chitbuli jeù stakseùni b'il tomm x'inhi il fehma tiegħi u talbuni natihom id-daùl lil min minn dina il kattanija collha għandhom jatu il vot; u jiena bħalha Direttur ta'gazzetta li tindaħal f'il politica u bħalha cittadin li għandi id-dritt nati il fehma tiegħi f'dac li jmiss lil pajjisi sejjer inùiegibhom b'dic l-indipendenza u b'dic l'onestà politica li dejjem xtakt inżejjen bihom il gazzetta tiegħi. Forsi sejjer immur contra il fehma ta'ħafna ħbieb egħżiez tiegħi, forsi cliemi sejjer ijcun ta' gid lil xi egħdeùùa li fejn setgħu u jistgħu jagħmluli id-deni u jaħmu contra tiegħi; billi; *amicus Plato sed magis amica veritas*: meta hemm il ġid ta'l pajjis u ta'l poplu hemm bżonn li nagħlak għajnejja għa'd-deni li għamluli l' egħdeùùa, li nsodd ùidnejja għal cliem ħelu ta'l ħbieb li fejn jistgħu jagħmluli jeù għamluli il gid, u nisma biss leħen ùieħed: *dac ta'l cuxjenza tiegħi* u nicteb dac li jgħidli moħħi ùara li għarbilt m'il aħjar li stajt dina il qùestjoni imbixcla u imħabbla li daħal fiha il pajjs għa'd-dannu tiegħu.

Nibda biex ingħid illi il kasma ta'l poplu f'żeùġ partiti hi ta'għajb u ħsara cbira għalina. Meta it-tiranni jridu jirfsu aħjar fuk għonk il poplu dejjem ijfittxu biex jimxu scond il principju: *Divide et impera*: ferrak il poplu ħalli issaltan fuku. U il Gvern Ingliż, b' il għerf cbir tiegħu, chellu il ħila jitfa f'nofs il poplu bomba minn tiegħu li xeùùxet l-aħùa contra l-aħùa u li sejjra tagħmel ħafna ħsara lilna b'ħafna gid lilu.

Jiena cont fraħt ħafna meta chienu spiċċaù il gùerer coroħ bejn il Mizzjani u is-Savonjani u meta daùna ingħakdu f'partit ùieħed ta'l poplu contra il Gvern għaliex hecc għandu jcun: Il Poplu contra il Gvern u m'hux dejjem *per sistema* iżda biss meta dana jagħmel xi ħaġa ħażina u contra il gid ta'l poplu. L-aħùa ma għandom katt jitkabdu contra l-aħùa għaliex min ijcun xeùùixhom jokgħod f'it-tieka jidħak u jiddeverti. Mela dina il ferka ta'l poplu f'zeùġ partiti ma togħġobni xejn għaliex sejjra tcun ta'ħsara cbira għalina.

B'dakshecc ma irridx ingħid li għandu il poplu jibka b'fuk għonku il partit ta's-Sur Azzopardi u sħabu, le. Jecc għandu ħila il poplu jaħtar nies ta' ħila jeù ta' ħrara acbar biex jakbżu għa'd-drittijiet tiegħu, tant aħjar. Basta li biex niccumbattu contra il ħażin ta'l Gvern ijcun hemm partit ùieħed u li ma dùar il bandiera tiegħu jingabar il poplu collu.

Mela il poplu għandu jiftaħ għajnejh seùùa u f'dan il mument ta' ħajja jeù meùt għalih ijħaddem moħħu ħalli ma jatix ħajja lil żeùġ partiti iżda lil ùieħed biss, sabiex il poplu jibka magħkud miegħu ħalli niccumbattu taħt bandiera ùaħda contra min kiegħed jirfisna.

Biex tistgħu tatu ħajja lil ùieħed biss minn daùna iż-żeùġ partiti hemm bżonn li tiżnu tajjeb dac li jridu u li tifhmu x'gid jeù x'deni jiġri lil pajjis m'il votazjoni tagħcom.

Jiena biex ingħincom sejjer ingħidilcom chif fhimt l-affari jien ùara li ħabbilt rasi fukha ħafna bla ma nippretendi li għandcom taħsbu bħali u li ma taħsbux bħal ħaddieħor.

Nibdeù minn haùn: Il Cunsiljieri ta'l Poplu għandhom jokogħdu f'il Cunsill jiccumbattu lil Gvern allavolja *in minoranza* jeù għandhom malli jitilgħu jiddimettu irùieħhom bħalha protesta u jħallu lil Gvern ijgħassed ùaħdu?

Chiecu conna miljuni u nifilħu ħafna bħal l-Aùstralja, il Canada jeù is-South Africa cont ingħidilcom ħalli innaffru l-Inghilterra b'cull xorta ta' protesta għaliex conna ncunu nistgħu ingegħluha b'is-seùùa jeù b'id-dneùùa tirrispetta il protesta tagħna. Iżda aħna żgħar ùisk, ponn dubbien u illum giefja għal cull sentiment ta' patriottismu jeù ta' sacrificcju. Mela xortina ma hix ħlief li inbusu l-id li xi dakkiet meta taħkarna nixtieku naktugħa; u it-talba u il chelma it-tajba huma ùisk aħjar m'it-tnaffira.

Għalchemm il Gvern Ingliż tana ùisk ftit minn dac li tlabna u li għandu id-dritt ijcollna iżda dejjem ta xi ftit ùiden għa't-talb u it-tħannin tagħna: jecc issa inħabbtulu ma ħalku il ftit li tana bla ma għandna il ħila nieħdulu b'id-dneùùa dac li jistħokkilna x'jiġrilna? Il Ministru ma jokgħod ijħares lejn il ħakk tagħna xejn, bħalha bniedem supperv ingliż ijùebbes kalbu u m'hux talli ma jatina xejn actar iżda actarx jarġa jieħdilna dac li għandna u jecc nitniffsu jislet il bajjonetti u jieħu il Gżejjer tagħna b'il ponta ta's-sejf taħt idejh ujagħmel bina u b'pajjisna dac li jrid u li jogħġbu.

Mela kabel naktgħu darba inkisu mitt darba li ma immorrux natu f'idejn il Ministru is-sicchina li forsi jixtiek jgħiktilna rasna biha.

B'dana il cliem irrid infehimcom li l-astensjoni m'il Cunsill ma togħġobnix u li ùisk aħjar incomplu nipprotestaù irùieħna costituzzjonalment f'is-seduti ta'l Cunsill, jeù b'il petizzjonijiet jeù b'ir-risoluzzjonijiet f'il meetings milli inħabbtulu ma ħalku id-dritt ta'r-rappresentanza li għandna u nokogħdu incejjku barra.

L-*astensjonismu* ma jogħġobnix ucoll għal raġuni oħra li hi din: li il Cunsiljieri ta'l poplu għalchemm *in minuranza* u ma għandhomx setgħa f'il votazzjoni iżda għandhom dejjem is-setgħa li jiccorrispondu ma'l Ministru annom ta'l poplu u li f'id-*Debates* ijħallu irregistrata għal kuddiem il Ministru il moħkrija ta'l Gvern; iżda jecc il Poplu ma jcollux Cunsiljieri li jirrappresentaùh costituzzjonalment il Ministru jagħmilha ta't-trux u ta'l għama u m'hux sejjer jati ùiden jeù cas għal dac li jictbu il gazzetti jeù li ingħajjtu aħna barra m'il Cunsill.

Ma jidhrilcom mela li incunu miexjin actar b'il għakal jecc ingħożżu u inħaddmu tajjeb dac il ftit li għandna u nitħabtu b'il chelma it-tajba li nakilgħu xi ħaġa aħjar milli narmu f'ùiċċ il Ministru dac li għandna u dac li tana b'pericolu cbir li nitilfu collox? M'hux diġa ùiegħed il Ministru li għandu jistudja l-affari ta'l maġġjuranza ta'l Cunsiljeri ta'l Poplu f'il Cunsill Legislattiv? Għala ma nistabrux ftit ieħor u inħalluh jistudja din l-affari tant importanti kabel ma nonfru bl-*astensjoni*? Tgħiduli għax illusingana ħafna il Ministru u f'loc tigieġa tana fellus. Nieħdu pacenzja b'il fellus sa naraù tigix it-tigieġa. Daùna ma humiex ftajjar. Mela ifhmu x'għedtilcom li l-astensioni f'dana il mument deni biss tista tagħmlilna. Jecc f'il partit l-ieħor jidrilcom li hemm min tibżgħu minnu u ma tavdaùhx tivvotaùx għalih u ħallu is-siġġu vojt sa issibu ùieħed għal kalbcom. Jecc il politica ta's-Sur Cicc u sħabu ma togħġobcomx collha, ħudu pacenzja biha għal d'id-darba sa tħeġġu rùieħcom seùùa bi programm u b' partitarji oħra u jecc il poplu jcun collu ta' fehma ùaħda ma ntellgħuhomx iżjed. Iżda li toforku il poplu katt. Biss ivvotaù għal min jidrilcom li ma jinxtarax m'il Gvern.

# TLAKKIT.

**Fost in-nies famusi ingliżi** hemm 1,270 ulied cappillani, 510 ulied avucati u 350 ulied tobba.

**Fl-Asja** hemm nies, it-Tartari, li jilbsu il koxra ta' huta, bħal salamuna, imsejjħa tamara.

**Mrs. Leland Stanford**, fl-America, tat fuk sitt miljuni ta' liri flus carità. Hi u żeuġha ħalku l-akŭa Università li hemm fil Punent,—il « Leland Stanford Jr. University »—f'Berkeley, California, b'tifchira ta' binhom li miet żgħir. Mrs. Russell Sage, americana ucoll, tat ġa għal tkar u għa't-tagħlim xi erba miljuni u bi ħsiebha li kabel tmut tati cull ma għandha għal l-istess ħaġa—xi tnax il miljun sterlina oħra. Miss Helen Gould, l'americana, tat ġa xi żeuġ miljuni. Mrs. Thomas F. Ryan, il mara ta'r-«Railway King» tat ġa xi miljun għal cnejjes; u Mrs. Winthrop xi miljun ieħor għall-Università ta' Princeton. Mrs. A. A. Anderson tat ġa xi sitt miljun ukija għa't-tagħlim fl-America. L-isbaħ u l-icbar studju ta' pittur li haŭn f'id-dinja hu ta' żeŭgħa.

**F'il Pol Articu**, għad li tħabtu ħafna għadu kadd ma laħak krib actar minn tliet mitt mil. L-eŭŭel darba li marru biex ijsibu dan il Pol chien fl-1553, taħt Sir Hugh Willoughby. Minn dac iż-żmien marru tlieta u ħamsin darba oħra l-Ingliżi u mitejn darb'oħra nazzionijiet oħra. Meta marru l-*Alert* u id-*Discovery* intefku mija u għoxrin elf lira. L-actar ŭieħed li laħak il fuk chien Nansen fl-1896 li ŭasal sal grad 86. Meta Sir Garnet Wolseley mar ijdur f'il West Africa intefku disa mitt elf lira f'għaxar xhur. Issa krajna li f'il Pol Articu ŭasal Cook.

L'eŭŭel maŭra għal Pol Antarticu chienet fl-1840, u min dac iż-żmien saru xi ħames maŭriet oħra. Dr: William Bruce kiegħed iħejji ruħu biex ijmur għal Pol Antarticu u sejjer jonfok fuk il ħamsin elf lira. L'actar li ŭasal hu Shackelton.

**Hugh Miller**, il famus geologu u chittieb scocciż chien fi tfulitu naġġar, bħal ma chien ucoll sa tnejn u tlietin sena Broadhart li imbagħad fetaħ triek f'il politica sabiħa ħafna.

**Peter Fenelon Collier**, li miet ma ilux, beda ħajjtu jaħdem f'il carrettuni, meta telak m'il Irlanda, pajjisu, u mar l-America u b'sittin lira li chellu imfaddla beda jistampa il cotba li minnhom dan l-aħħar chien kiegħed jakla tmintax il elf lira f'is-sena!

**Sir Martin Conway**, ftit żmien ilu, żar il ŭidien ta'l Perù fl-America, u chiteb li f'il kiegħ tagħhom hemm mnejn jinġabru miljuni ta' liri sterlini trab ta'd-deheb li jinsab imħallat ma'l ħama.

**Lord Gladstone** chien jigi f'it-tmintax il grad m'is-Sultan ta'l Inghilterra Edŭardu I.

**Il kalb ta'l mara** tħabbat iżjed imgħaġġel minn ta'r-ragel. Ta tnejn u għoxrin sena ta'r-ragel tħabbat 73 darba cull minuta u ta'l mara 80. Ta sebgħin sena ta'r-ragel 67 u ta'l mara 81.

**Il għajnejn ta'l cocca** huma mŭaħħlin f'il ħofra tagħhom u għalhecc tħares dejjem ċass.

**Ŭieħed għaref**, li ma chellux x'jagħmel, kal li fuk il gomma ta' francoboll sab fuk il mitejn miljun microbu, u għal hecc ħażin ħafna li ŭieħed biex ijŭaħħal il bolli jxarrabhom b'ir-riek.

# Il Malti għal Maltin.

**Dliel**—delicatezza. « Hudu b'id-dliel għaliex trattbu sgur, bil herra ma tasalx. » **Dlieli**—gracli, delicat. « X'riedha dic id-dliela? »—dic ix-xebba delicata li jonkosha żeŭġ xemgħat biex jidfnuha. « Iż-żagħżuħ igennen, u ix-xiħ idellel »—jiħobb u jittratta tajjeb dac li jcollu. **Dliel** tfisser ucoll « xagħar » u l-actar ta'n-nisa, « Holl dlielec u gib iż-żejt. » « Nagħġa midliela »—li għandha ħafna suf.

**Demla**—gerħa cherha fuk l-annimali.

**Dmumi**—m'il leŭn id-demm. « Aħmar dmumi. »

**Iddemmes**—issajjar b'ħafna ħŭaŭar. « Ful imdemmes. »

**Demus**—kabar ta'l antichi. « Chien fuk kaddu leŭliemes; iżda illum kiegħed ijgħammar f'id-dŭiemes. »

**Denb-it-taŭs**—amarantu (ıjur).

**Deni neŭbi**—intermittenti.

**Deŭlgħa**—custilja.

**Iddexxex**—titħan il kamħ oħxon; tiecol maħtuf u bla ma tomgħod seŭŭa. « L-ichel imdexxex ijdorr » l-ichel li ma tomogħdux tajjeb jagħmillec indigestjoni.

**Dip**—lupu.

**Dibsi**—ta' culur mitfi. « Żiemel dibsi. »

**Dieda**—fiaccla jeŭ ħabel b'il katran mixgħul.

**Difa**—meta l-ajru jibda jisħon f'ix-xitŭa. « L-ajru beda jidfa. »

**Midfen**—cimiterju.

**Dikkien**—pulptu, cattedra.

**Dicsa**—tinghiża kaŭŭija. « Ha dicsata kaŭŭija »—għalja, ħasda.

**Midilca**—unguent, pomata.

**Dimis**—meta il boċċa tilħak il lozzu b'it-tbatija. « Laħku b'id-dimis »—f'il ŭakt.

**Dannejtec ragel**—fhimt li int ragel, « rajtu ŭakagħ, dannejtu miet »—fhimt li miet. **Iddanni**—tithem li hu.

**Din**—religjon. « Aħrak dinec. » Ragel ta' **din** ħażin »—ta' costumi ħżiena.

**Din**- -fl-antic chienet tfisser ucoll ġurisdizzjoni, setgħa ta' cmand, u minn haŭn giet il chelma « Mdina » għaliex fiha chien jokgħod il Hachem.

**Dinier**—munita antica iżgħar minn ħabba. « Ma għandix dinier x'natic, chil tarani biegħni, għax ta' fuki senduki. » Ingħidu ucoll « ma għandix cruċ fuk hiex naħlef »—għaliex dari chellna il ħabba ta'l cruċ b'is-salib ta'l Cavalieri u il Maltin chienu jaħilfu fukha.

**Dirja**—mibegħda, abborriment. « Midri minn cullħadd » mibgħud, ħadd ma jaħmlu.

**Dirdiena**—biċċa flus antica li chienet issarraf xi tliet ħabbiet.

**Tidrec**—tkum cmieni. « Għal caċċa jidrec u jħabrec, għal l-istudju le. »

**Dirġla**—għajta cbira ta' dispjacir (tismagħha rari).

**Dneŭŭa**—forza, violenza.

**Dgħul**—dubju. « Daħħaltli dgħul ġo rasi. »

**Dgħumi**—mudlami. « L-ajru dgħumi, gejja ix-xita. » « Ma nħobbx nagħmilha ma' min hu dgħumi »—m'hux allegrù, bużżieka, donnu fonkla. « Aħmar dagħmiem »—scur.

(*Jissocta.*)

# Il Congress ta'l Esperanto.

Dana il Congress irnexxa tasseŭ ŭisk actar milli ŭieħed chien jaħseb billi it-taħŭid ta' Barcellona bażża lil bosta nies; u chien jirnexxi ŭisk actar chiecu fl-aħħar xahar ma inkalax dac il ħatna għaŭġ li tafa bħal sħaba seŭda fuk dic il belt tant sabiħa daks li hi da'l mument imnicċta. Il għadd ta' daŭc li ħadu it-*tessera* ta' Congressisti chien ta' elf u tliet mija; iżda ma daŭn ŭieħed ijrid ijżid it-tliet t-elef esperantista li hemm f'Barcellona u ħafna minn daŭc it-tliet elef l-oħra li jinsabu imxerrda f'il Catalonja collha. Meta ŭieħed ijgib kuddiem għajnejh li fuk l-elf ruħ tkanklu minn pajjishom biex marru ħadu sehem f'dana il Congress għandna nifhmu li l-idea ta'l-Lingŭa Internazzjonali miexja f'id-dinja b'ir-rieħ f'il kala ġmielha u li ma hux f'il bogħod iż-żmien li il cotra ta'l bniedmin tifhem chemm tcun ta' fejda dina il ħaġa; u għalhecc cullħadd ijŭaħħalha f'rasu li jistudjaha. Għal daŭc li jagħmlu differenza bejn sistema u ieħor, bejn *Esperanto* jew *Ido*, ingħidilhom li ŭieħed għandu jifraħ meta jara lingŭa internazzjonali miexja il kuddiem tcun liema tcun, għaliex dina hi l-eŭŭel ħaġa li hemm bżonn jifhmu il bniedmin — il ħtieġa ta'l idea— liema sistema għandu jibka naraŭh b'il mod il mod fuk l-istudju ta'l għorrief. L-eŭŭel jinħtieġ li tittrionfa l-IDEA u ŭara is-SISTEMA.




Għaldakstant jiena fraħt ħafna meta rajt l-*idea* tittrionfa f'Barcellona; għat-trionf ta's-sistema hemm żmien b'iżżejjed; u marridux ninseŭ li l-*Esperanto* u l-*Ido* ma humiex żeŭġ sistemi differenti iżda l-*Ido* hu biss l-*Esperanto* imseŭŭi f'xi sbalji tiegħu u għalhecc cull min jiccumbatti għal l-*Ido* f'il fond ijcun għadu *Esperantista* u ijcun kiegħed jiccumbatti għal l-Esperanto li ħalak Zamenhof. Min jirtocca inqŭatru ma jcunx l-aŭtur tiegħu u l-ankas ma jcun għamel qŭadru ġdid.

Mela hemm bżonn li jisctu ftit f'id-dinja il gŭerer li tkanklu bejn *Esperantisti* u *Idisti* u li b'għajb cbir ħafna minnhom saru gŭerer personali l-actar baxxi; u li it-tnejn, id f'id, jiccumbattu biex tixxerred u tittrionfa l-idea għal gid u il progress ta'd-dinja collha, u li imbagħad għa't-tisŭijiet li hemm bżonn ŭieħed jarahom b'il mod il mod ŭara li jcun ŭiżen tajjeb il cliem ta'l għorrief.

Dana għedtu biex infihem li għalchemm jiena nixtiek ħafna li narahom ijsiru fl-Esperanto ħafna minn daŭc ir-riformi li kal *Ido*; fl-istess ħin jiena dejjem Esperantista u partitarju ta'l-Lingŭa Interazzjonali chif cont minn dejjem u għalhecc mort ħadt sehem f'il Congress u fraħt ħafna meta rajt li irnexxa.

Jiena bi ħsiebni ingħidilcom x'sar f'dana il Congress u chemm chienet sabiħa il-lakgħa li għamlulna f'Barcellona, biex minn ma jafx x'igifieri u chif ijsir Congress jitgħallem; u biex daŭc li għadhom ma ħadux b'is-serjetà dina l-idea ta'l-Lingua Internazzjonali jaraŭ chemm nies għorrief u intelligenti ħadu sehem f'dana il Congress u biex jaraŭ is-Sultan u il Ministri ta' Spanja b'liema ħrara għienu lil dina l-idea; u b'hecc nitma li daŭc collha li għadhom ma tħajjrux jitgħallmu dina il-lingŭa ħafifa u maħtieġa jagħmluh f'kasir żmien ħalli dana l-ilsien sabiħ ijfittex jixxerred m'il actar fis ma'd-dinja u b'hecc ŭieħed jista jibda jara minnu xi gid.

L-Esperantisti ta' Barcellona ħadmu u ħadmu b'il kalb biex jirnexxi seŭŭa dana il Congress u il Cumitat, li tiegħu chien President is-Sur Pujula de Valles, ħakku cull tifħir talli għaraf f'mumenti coroħ ħafna jinfed b'il ħila tiegħu biex jirnexxi fejn ŭasal. L-eŭŭel ma ħadmu f'il belt chien li ħalku ħafna Esperantisti ġodda; u aħna ma ncunux kiegħdin incabbru meta ingħidu li f'Barcellona biss hemm ma't-tliet elef Esperantista. Ħadmu ucoll ħafna biex jegħlu lil cbarat ta'l Belt collha, lill Ministri u li's-Sultan stess biex jifhmu il ħtieġa ta' dina l-*idea* u li għalhecc ijgħejnuhom u jilkgħu lil Esperantisti frustieri b'dic il ferħa u b'dic il ħrara collha li ma joħorgux chif gieb u laħak minn moħħna li chellna il cbira xorti ingaŭduhom.

Id-Dr. Zamenhof ma's-Sinjura tiegħu ŭaslu f'Barcellona ftit granet kabel u allugġaŭ f'il *Hotel Colon* li m'hux biss hu l-isbaħ ŭieħed ta' Barcellona iżda ŭieħed m'il isbaħ ta'd-dinja u krajt fi *guida* li il camra ta'l pranzu tiegħu hi l-icbar ŭaħda ta'l hotels li haun f'id-dinja. Jien rajtha u tasseŭ tgħaġġbec b'il cobor u il ġmiel tagħha.

Il-Lakgħa uffiċjali chellha issir fl-Istazzjon ta'l Ferrovija, kuddiem cullħadd; iżda is-Sindcu ta'l belt baża jlakka ħafna nies flimchien u għalhecc għamel il-Lakgħa f'il Palazz tiegħu fejn daħlu biss l-Esperantisti u xi nies cbar mistiednin ta'l Belt.

Is-Sindcu għamel taħdita sabiħa ħafna bi lsien catalan fejn kal li il Belt ta' Barcellona hi ferħana li tilka lil l-aŭtur ta'l Esperanto u lil daŭc il ħafna Esperantisti li tkanklu minn pajjishom biex jieħdu sehem u li il Palazz tiegħu u il Belt collha huma kejshom darna. Il President Pujula kaleb għal l-Esperanto dana il cliem u Zamenhof irrisponda tajjeb ħafna bl-Esperanto biex irringrazzjah għal cullħadd u Pujula kaleb dana il cliem għal catalan biex fehmuh is-Sindcu u il Cbarat li chien hemm.

*(Jissocta).*

# DI ALCUNE PIANTE SELVATICHE

## CHE POSSONO SERVIRE DI NUTRIMENTO ALL'UOMO

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Coi semi delle diverse specie del genere Poa in varie provincie dell'Asia, e specialmente nell'Abbissinia, se ne prepara un pane poco agro, ma aggradevole, e di facile digestione: di esse vivono nei nostri campi le specie P. annua, P. aquatica, P. distans, P. rigida, e la P. trivialis.

Della famiglia delle Liliacee, i cui bulbi sono commestibili, abbiamo una specie del genere Asphodelus, che abbonda nelle nostre vallate e colline, cioè l'Asphodelus ramosus *Berwiek*, nel cui bulbi trovasi una materia amidacea, combinata con un principio acro-irritante, che coll'azione del fuoco si dissipa. Questa pianta, che alligna nel mezzodì dell'Europa, e nel Levante era conosciuta dagli antichi, di essa fa parola Ippocrate: eglino ne mangiavano i bulbi cotti sotto le ceneri, e ne piantavano attorno alle sepolture nella volgare credenza, che le ombre dei trapassati si nutrissero delle sue radici. Molti animali sono avidissimi de' suoi bulbi; Poiret ha veduto in Barbaria i cinghiali scavare la terra, onde scoprirli.

Ha pure i suoi bulbi alimentari, come attesa Gmelin, una altra pianta della stessa famiglia la Tulipa sylvestris, la quale è stata trovata la prima volta nelle terre di casal Zebbug dal Dr. Agostino Naudi nostro concittadino di felice memoria.

La famiglia delle Orchidee comprende un numero grande di piante indigene quasi di tutte le regioni del globo; fra le quali quelle dei paesi caldi sono spesso fruttifere e parassite, erbacee e terrestri quelle delle zone temperate.

Il genere Orchis, da cui ebbe nome la famiglia, contiene moltissime specie, la più parte delle quali vegeta in Europa e nelle contrade temperate del globo, come in Persia e nel bacino del Mediterraneo.

Nei nostri terreni il Professore Zerafa ha osservato le specie Orchis coriophora, l'O longicornu, e l'O. pyramidalis, e il nostro segretario erborizzando nel dintorno dello Zurrico in *Wied Babu* raccolse l'O. undulatifolia del Bivon, e l'O. acuminata del Desfontaines, e nella Piazza di San Clemente rinvenne la specie O. saccata Tenorii. Le orchidee propriamente parlando non sono di alcun uso terapeutico, e poco o nulla si adoperano in medicina: tutte le specie fornite di tubercoli radicali, come sono le nostre, possono adoperarsi come nutritive.

Dai bulbi di queste piante si prepara una materia alimentare, conosciuta col nome di salep: a tal fine si raccolgono in varie provincie della Turchia e della Persia i bulbi di ogni specie indistintamente, s'immergono nell'acqua calda o fredda per togliere la pellicola, indi si fanno seccare al sole infilandoli in forma di collare, ovvero ponendoli sopra tele tese; in tal guisa seccati, per lungo tempo possonsi conservare.

Gli abitanti di quei paesi dove il salep si prepara, e da dove perviene fino a noi, sanno ben apprezzare le pregievoli qualità di questo prodotto, sanno ben valersi della sua proprietà nutritiva; costoro di fatti in sin da molto tempo si servono del salep come di un delicato alimento, i Turchi ed i Persiani ne fanno un uso giornaliero nei loro pranzi. Si vuole che questo alimento contenga, sotto il minor volume possibile, la maggiore quantità di sostanza nutritiva, e che un'oncia basti a nutrire un uomo per un giorno.

In Francia si procurò con felice riuscita di sostituire al salep esotico quello preparato con tuberi indigeni, e nella sua diseccazzione si adoperò il forno invece del sole di Persia. Diverse dissertazioni furono scritte sovra tale oggetto, delle quali la più interessante è quella di Marsillac, in cui dimostrò le grandi utilità che in ogni tempo, e più in quello di carestie. si potessero ricavare da questi tuberi nutritivi.

Nel nostro suolo vivono pure quattro specie del genere Ophrys, l'O. tenthredinifera. l'O. fusca del Link, l'O. bombylifera. e l'O. aranifera di Hudson, dai cui tuberi è stato pure ricavato il salep.

La famiglia delle Iridee contiene non meno alcune piante, i cui bulbi sono alimentari; di fatti il Gladiolus infestus del Bianca *Habb el Kamh*, e l-Ixia Bulbocodium, che vegetano nei nostri campi, hanno bulbi contenenti materia fecolacea, e che si mangiano al Capo di Buona Speranza.

(*Jissocta.*)

# OTTUBRU.

( Ix-xahar ta'ż-żriegħ.)

Sħana bejjenija 21.7 Centigradi.

Ijraħħsu it-teŭm, il għansar, iż-żagħfran u il fraŭli; jiżirgħu il ħarrub, il busbies u in-naspli; ijsiru il għeneb, iż-żebbuġ, ir-rummien, il-anġas, ir-rand, il pumacannella, il pistaċċi, iż-żorba, l-isfargel; jinżgħu il ħaŭħ, l-isfargel, il-angas, it-tuffieħ ta' Belludja, il geŭż, il berkuk, iż-żinżel u iż-żorba.

F'ir-raba bagħli jsir il ħrit u it-tidmil; jinżergħu ix-xgħir, il ġolbiena, il piselli, iċ-ċicarda u il ful; jitħaŭŭlu it-tuffieħ-ta Adam u il cromb-ta'l-gidra; jiddaccar il ħarrub u jinġabar il bjad.

F'ir-raba sakŭi tinżara il bkajla; jitħaŭŭlu iż-żebbuġ, li spraġ u il kakotx, jinkala il currat; jinkatgħu il cannamieli u il kara franċiż u jitŭieldu il ħrief.

Proverbji :—

Meta f'is-sajf tara tberrak it-tramuntana;
Jeŭ xita kaŭŭija ittenna, jeŭ sħana.

★

L-eŭŭel xita tcun għar-raba u għal bjar,
Jecc tissocta b'il gid timla l-irzietet u l'id-djar.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

OTTUBRU.

4—1813. Il Maltin geŭ iddichiarati sudditi ingliżi.

5—1813. Il Gvernatur Maitland ħa f'idejh il ħacma ta' Malta.

6—1775. Giet iccunsagrata il Cnisja ta'l Capuċċini ta' Għaŭdex.

7—1571. Rebħa ta'l Maltin fuk it-Toroc.

8—1702. Giet icconsagrata il Catidral ta'l Imdina.

9 -1837. Spiċċat il Corla.

10—1783. Giet icconsagrata il Cnisja ta' Ħal Safi.

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

—« Mela ilec tigi l-Imdina ma'l ħamsin sena! » kallu Gaŭci « Tbiddlet xejn minn dac iż-żmien il haŭn? Għadec tiftacar seŭŭa fl-Ingress ? »

—« Bansejn » kal is-Sur Kalamias « u donnu il bieraħ; is-snin ijgħaddu bħal berka u ma jistenneŭ lil ħadd. Dic il ħabta cont għadni fl-aħjar tiegħi bħalcom għa'x ma contx ingħodd iżjed minn sebgħa u għoxrin sena u ŭiċċ l-Isle Adam ferħan jieħu l-imfietaħ ta'l Imdina ŭara il ħafna burraxc kalil li ġarrab ma mar katt minn kuddiem għajnejja. »

—« Mur, ara x'festa chien haŭn! chemm nies geŭ! Aħna conna ankas biss mitŭielda.... » kabżet kalet Marija.

—« U għalhecc » kabeż kal Gaŭci « nistħajjel li tixtiek taf xi ħaġa bħali x'sar f'dac inhar, u nitma li is-Sur Kalamias ijgħidilna ftit x'għadu jiftacar fuk dac l-Ingress li dejjem nisma l'ix-xjuħ tagħna jsemmuh. »

Marija ŭriet b'rasha li tixtiek, u Rusanna refgħet għajnejha lejn is-Sur Kalamias ucoll, u għalhecc dana la gietu ix-xokka f'moxtha li jderrilhom ftit beda jgħid :—

—« L-eŭŭel ħaġa li ghandec tcun taf, Marija, hi din li chien zijuc, in-Nutar Giacomin Ingŭanez, li mar ma'l Avucat Toni Cassar għand l-Imperatur bħalha Deputati biex jaraŭ taħt liema ftehim dana reħa il Gzira f'idejn il Cavalieri billi għal l-eŭŭel il Maltin ħabtu jittnaffru u dendlu xuftejhom għal miġja tagħhom. Malta dic il ħabta chemm chemm chienet tlaħħak tlietin elf ruħ u għalhecc ftit chien ijħabbel rasu biha il Viċirè; u meta f'id-29 ta' Mejju marru il Cavalieri Fra Ugone de Coupons, General ta'x-Xŭieni u'l Balliju Fra Ġŭann Bonifacio tahom is-setgħa malajr fuk da'l Gżejjer bla ma kagħad jati ŭiden l'id-Deputati maltin, u jumejn ŭara geŭ haŭn u il Cummissarju tahom il pussess ŭara li ħalfu li ma għandhomx jilagħbu lil l-Imperatur.

« L-eŭŭel ma mejjlu rashom lejn l-Ordni chienu il kassisin f'is-sagristija ta'l Catidral; u ŭara kagħdu ucoll għal ftehim il Cbarat, b'il patt li il privileġġi u id-draŭŭiet ta'l Maltin ma jista jmisshom ħadd. Alvaru De Nava biss żamm jebes u ma riedx jerħi f'idejhom Sant'Anglu billi chien ħadu cens minn għand is-Sultan Ferdinandu talli chien silfu tliet t-elef fjorin. Il Cavalieri ŭiegħduh ħamsin scut renta f'ix-xahar u kal iva ucoll. Sar il ftehim f'Għaŭdex ucoll billi hemm chellhom l-Università u deher li sejjer jibda collox b'ŭiċċ il gid.

« Iżda chien jonkos l-aħjar, il firma ta'l Gran Mastru fejn ijŭiegħed li jħares il pattijiet ta'l Maltin u għalhecc billi dana chien għadu jistrieħ f'Serkusa, marru hemm bħalha Ambaxxaturi il Ġurat Paŭlu de Nasis ma Ġanni Calavà, Ciccu Platamone u Pietru Manara sabiex L-Isle Adam jiffirmalhom il carti; u niftacar li il Gran Mastru lakagħhom bil ferħ f'is-16 ta' Lulju nhar ta'l Carmnu, u għamel ismu f'cull ma riedu. F'Malta sa chemm giè il Gran Mastru, baka bħalha Gvernatur il Cav: Fra Anton Aurel Bottigella. Daŭna il griefex chien għarrafni bihom il Hachem, Alla jatih il mistrieħ ta' dejjem, f'ŭaħda m'it-taħditiet tagħna ta' ŭara għaliex meta gie l-Ordni chien għadu żagħżuħ bħali; u niftacar ucoll li chien kalli li ŭaħda m'il hŭejjeġ li il Cavalieri bdeŭ ijnaffru bihom lil Maltin chienet li ma rieduhomx joktlu iżjed ħagel biex ijmorru għalih huma. It-tieni tcheschisa chienet din li il Gran Mastru giegħel lil poplu baxx li jaħdem b'xejn biex bena f'il Birgu armerija u sptar u billi ħadilhom il Cnisja ta' San Laŭrenz għal l-Ordni u talla il parroċċa f'il Cnisja ta'l Lunzjata u ħa l-erba cnejjes żgħar l-oħra għalina il grieghi. »

—« Mela contu ħafna dic il ħabta ? » staksieh Gaŭci.

—« Iva, conna katgħa ġmielha u għalhecc taŭna tliet parroċċi f'il Birgu: Santa Marija ta'l Grieghi, * San Ġorġ u S- Niclaŭ. D'il ħabta ma hemmx actar minn sebgħin familja billi il biċċa il cbira marru jokogħdu il Belt u billi hemm ucoll għandhom il Cnisja ta' San Nicola.

Marija kabżet kaltlu :—« Sur Kalamias, jidhirli li semmejt ix-xbiha ta'l Madonna Damaxxena; jakaŭ dina hi dic li jgħidulha ucoll ta' Filermu u li għamlet ħafna għeġubijiet ? »

---

* *Dina illum hi l-Oratorju ta' S. Ġużepp fejn hemm merfugħin ix-xabla u il cappell ta' La Vallette. Chienet kabel tissejjaħ Santa Catarina u tbiddel l-isem tagħha meta il Grieghi giebu fiha ix-xbiha ta' Sidtna Marija Damaxxena li illum tinsab f'il Cnisja ta'l Grieghi ta'l Belt. Ta' S. Ġorġ chienet ŭara il Lunzjata u illum baka l-isem ta't-triek.*

*(Jissocta.)*

Ħanut cbir u sabiħ għal chiri b'is-supplica u il commodi tajjiet collha li trid is-Sanità, f'Balzunetta, Sda: Botanico, No 14. Staksu għand Attard li jokgħod fl-istess triek numru 12.

Fetħet il
MISIDA PHARMACY
ta'l Farmacista **A. Agius.**
COLLOX B'IRHIS U M'IL AHJAR.

Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**
**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.
Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib
**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
267, STRADA REALE.

## GHA'N = NERVUSI !

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha
**NEVRASTENIJA**
u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

## L=ANTINEVROTICU
TA'L
**Prof: DE GIOVANNI**
li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand
**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**
ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.
IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Fl-Istitut ta's-Sur C. L. Borg, ta' Strada Due Porte, 188-189 l-Isla jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa ingliża, taljana, franciża, latina, ta'l Matematica u ta'l Cummerċ, ta'l Istorja, Calligrafija u Reliġjon.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand

Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u faj-jenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.

Min ijrid jixtri

CAUCAU

m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ijfittex il marca tant imfahhra

BENSDORP

ghand il maghrufa minn cullhadd

C. CAMILLERI & SONS

50-51, STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.

In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.